


Arachne

X'HEMM ĠDID F'ARACHNE V2.3



**VERŻJONI TAD-DOKUMENT 1.0
IT-18 TA' JANNAR 2022**

Werrej

Werrej	2
1 Skop ta' dan id-dokument	3
2 Internalizzazzjoni	3
3 Validazzjonijiet <i>ex ante</i>	3
4 Rapport mtejba u simplifikazzjoni tal-menus tal-kuntest	3
5 Informazzjoni dwar il-proġett u l-kuntratt	4
6 Ġestjoni tal-Utenti	5

1 Skop ta' dan id-dokument

Dan id-dokument fih ħarsa ġenerali lejn il-bidliet kollha implimentati fil-verżjoni V2.3 ta' Arachne. L-ambitu ta' dan id-dokument huwa li jagħti sommarju qasir ta' dawn il-bidliet. Għal deskrizzjoni dettaljata tal-funzjonalitajiet eżistenti u dawk ġodda, nirreferuk għad-dokumentazzjoni tal-utent. Jew ikkuntattja lit-tim tal-IT ta' Arachne (EC-ARACHNE-INFO@ec.europa.eu) għal aktar informazzjoni.

2 Internalizzazzjoni

F'Arachne V2.0, l-ipproċessar ta' kull ġimgħa tal-lottijiet tad-*data* kien iseħħ fil-bini ta' fornitur estern tas-servizzi. Id-*data* kollha mtella' mill-Istati Membri kienet kriptata, protetta u ttrasferita lil dan il-fornitur tas-servizzi sabiex tiġi pproċessata.

Minħabba rekwiżiti oġġha ta' protezzjoni tad-*data* u ta' sigurtà imposti mill-KE u mill-Istati Membri, fil-V2.3 dawn il-proċessi ġew internalizzati. Id-*data* ma għadhiex tiġi ttrasferita barra mill-bini tal-Kummissjoni Ewropea; id-*data* mtella' mill-Istati Membri ma għadhiex aċċessibbli mill-fornitur tas-servizzi. L-ipproċessar sħiħ tad-*data* (il-validazzjoni tad-*data*, l-arrikkiment u l-proċessi tal-kalkolu tar-riskju) issa jsir fil-bini tal-KE u huwa ġestit minn persuni tat-tim tal-IT ta' Arachne tal-KE u mid-DIGIT. Id-DIGIT huwa d-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli għall-forniment ta' servizzi diġitali li jappoġġaw dipartimenti oħra tal-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet Ewropej fix-xogħol ta' kuljum tagħhom u li jgħin lill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej jaħdmu aħjar flimkien.

Minħabba l-użu ta' teknoloġiji ġodda bħal Elasticsearch, it-tqabbil bejn id-*data* tal-Istati Membri u l-bażijiet tad-*data* esterni ttejjeb u se jaffettwa xi wħud mill-kalkoli tal-indikaturi tar-riskju.

3 Validazzjonijiet *ex ante*

Il-funzjonalità l-ġdida *ex ante* tippermetti lill-utenti ta' Arachne jissimulaw il-kalkolu tar-riskji potenzjali sabiex ikunu jafu minn qabel ir-riskju/i marbut(a) mal-proġett jew ma' kumpanija li twieġeb għal sejħa għall-offerti, qabel ma jiġi ffirmat ftehim ta' għotja jew kuntratt. Il-kalkolu tar-riskju *ex ante* jista' jiġi applikat għall-proġetti li jkunu għadhom ma ġewx approvati. Il-proċess ikopri biss subsett tal-indikaturi tar-riskju disponibbli peress li l-informazzjoni tal-proġett ma jkunx fiha xi *data* speċifika. Innota li għandek bżonn id-drittijiet ta' aċċess *ex ante* biex tuża l-funzjonalità *ex ante*.

Jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 16 tal-manwal għall-utent ta' Arachne għal aktar informazzjoni.

4 Rapporti mtejba u simplifikazzjoni tal-menus tal-kuntest

- Rapport dettaljat ta' kumpanija
Ir-rapport dettaljat għall-kumpaniji huwa arrikkit b'informazzjoni addizzjonali u mfassal mill-ġdid għal esperjenza tal-utenti mtejba.

Informazzjoni addizzjonali:

- Status tal-kumpanija
- Indikazzjoni dwar jekk karta bilanċjali hijiex konsolidata jew mhux konsolidata
- Sorsi tad-*data* (il-fornituri tad-*data*)
- Ismijiet u psewdonimi preċedenti tal-kumpanija
- 10 snin ta' *data* finanzjarja minflok 3
- Numri ta' identifikazzjoni u indikazzjoni ta' liema identifikatur jintuża għat-tqabbil mad-*data* tal-KE
- L-għadd u l-ammont totali ta' proġetti u kuntratti fejn il-kumpanija hija involuta bħala beneficijarju jew bħala kuntrattur.

Rapport dettaljat tal-kumpanija mfassal mill-ġdid:

- Panel tal-għażla fuq ix-xellug minn fejn tista' tintgħażel it-taqsimha mitluba fir-rapport. Din il-bidla tapplika wkoll għar-rapporti dettaljati tal-proġett, tal-kuntratt u tal-persuna.
- L-integrazzjoni tar-“rapport li jista' jiġi stampat”, “beneficijarju tar-rapport dettaljat” u “kuntrattur tar-rapport dettaljat” f’“rapport dettaljat” uniku.
- Kulur ta' sfond jagħti indikazzjoni tal-istatus partikolari ta' kumpanija (kumpanija inattiva, kumpanija jew fergħa falluta).

- Kaxxa li tista' tiġi mmarkata tippermetti li jintgħażlu biss is-sidien/il-manigiers attwali, is-sidien/il-manigiers preċedenti biss jew it-tnejn. Barra minn hekk, il-funzjonijiet duplikati jitneħħew mil-lista. Din il-bidla tapplika wkoll għall-għażla "sidien/manigiers", li tista' tintgħażel mill-menu tal-kuntest tal-kumpanija.
- Għażliet imnaqqsa fil-menu tal-kuntest tal-kumpanija
Minħabba li l-ambitu tar-rapport dettaljat tal-kumpanija huwa estiż, xi għażliet fil-menu tal-kuntest tal-kumpanija jistgħu jiġu eliminati. Mis-sitt għażliet tar-"rapport" tibqa' biss waħda disponibbli, waħda biss miż-żewġ għażliet "sid/maniġer", u waħda biss miż-żewġ għażliet "dehra lokali".
- Użu koerenti ta' "falliment"
Fil-V2.0 kien hemm xi inkonsistenzi bejn il-kampijiet tad-*data* li jikkonċernaw l-informazzjoni dwar il-falliment, jiġifieri "l-kodiċi tal-istatus", "id-disponibbiltà tal-VPI", "VPI - l-ebda punteġġ" u l-marka "kumpanija falluta". Dan xi kultant wassal ukoll għal riżultati inkoerenti fil-kalkolu tal-indikatur "involvement tad-direttur fil-falliment". Fil-V2.3 dawn il-kampijiet tad-*data* huma koerenti u konformi mal-indikatur.
- B' mod prestabbilit, jintwerew biss funzjonijiet attivi fuq l-iskrin tan-Navigatur
Simili għad-dehra tal-Affinità, jiżdied parametru fuq l-iskrin tan-Navigatur li jippermettilek turi biss funzjonijiet attivi jew il-funzjonijiet kollha għall-manigiers/għas-sidien.
- Mekkaniżmu ġdid ta' punteġġ għall-P2BB
Jiġi applikat mekkaniżmu ġdid ta' punteġġ għall-propensità li kumpanija tfalli (P2BB). L-iskala li tintuża tiproduċi valur minn 1 sa 9 minflok minn 1 sa 20. Minflok ma hija bbażata fuq 5 % kwantili, il-metodoloġija l-ġdida hija bbażata fuq ir-raggruppamenti. Il-valur il-ġdid jintwera fir-rapporti u fit-tabelli dettaljati tal-kumpanija u jintuża fil-kalkolu tal-indikaturi tar-riskju "Propensità għall-falliment għolja jew li qed tiddeterjora", "Klassifikazzjoni għolja jew li qed tiddeterjora meta mqabbla mal-parametru referenzjarju tas-settur" u "Kumpaniji assoċjati ma' klassifikazzjoni finanzjarja għolja".
- Kodiċi NACE
Fil-V2.3, il-kodiċijiet tal-attività tal-legat jitneħħew u jiġu sostitwiti b'"NACE rev2" esklussivament. It-tikketta tan-NACE hija prefissa mal-kodiċi tan-NACE, u b'hekk huwa aktar faċli li wieħed ifittex l-attivitàjiet. Issa huwa possibbli wkoll li wieħed ifittex kumpaniji abbażi ta' għażla ta' għadd ta' attivitàjiet.
- Tinżamm kull verżjoni tad-*data* tal-kumpaniji tal-KE
Fil-V2.0, meta l-istess kumpanija kienet involuta fi pjanijiet/programmi differenti, kien hemm okkorrenza waħda biss tal-verżjonijiet differenti tad-*data* mtellgħin mill-Istati Membri.
Fil-V2.3, tinżamm kull verżjoni tad-*data* mtella' u fl-oqasma tal-KE se tara l-verżjoni li ġiet mtella' għall-pjan/programm tiegħek.

5 Informazzjoni dwar il-proġett u l-kuntratt

- Indikatur ġdid: Rabtiet bejn persuni relatati u kumpaniji involuti
Dan l-indikatur ġdid tar-riskju huwa disponibbli fil-kategorija Reputazzjonali u Frodi, is-subkategorija Relazzjoni. L-oġettiv ta' dan l-indikatur huwa li jiġi identifikat jekk persuna li tkun relatata mal-proġett tkunx marbuta wkoll ma' waħda mill-kumpaniji involuti fil-proġett (benefiċjarju, sieħeb fil-proġett, kuntrattur, sottokuntrattur, fornitur estern tas-servizzi jew membru tal-konsorzju) jew f'kumpanija b'rabta ġuridika ma' kumpanija involuta. Bħal fl-indikaturi simili l-oħrajn, distanza ta' erba' passi jew inqas bejn żewġ kumpaniji titqies bħala rabta ġuridika.
- Indikaturi storiċi tar-riskju – Rapport li juri d-differenzi
Fuq l-iskrin tal-"Indikaturi storiċi tar-riskju", tista' tagħżel data biex tikseb il-kalkoli tar-riskju f'mument partikolari fil-passat. Fil-V2.0 stajt tagħżel biss ir-riżultati għal data waħda, u b'hekk kien diffiċli li s-sitwazzjoni titqabbel bejn żewġ dati. Fil-V2.3 tista' tagħżel żewġ dati, u b'hekk huwa ħafna aktar faċli li jiġu analizzati d-differenzi bejn il-valuri maż-żmien.
- Tneħħija tal-"punteġġi ġenerali tat-trimestru preċedenti" mid-dashboards

Il-kolonna u l-valuri rigward il-“Punteġġ ġenerali Q-1, Q-2, Q-3” tneħħew. Din id-*data* ma għadhiex valida bl-iżvilupp tal-“indikaturi storiċi tar-riskju”.

- Wiri ta’ informazzjoni bażika dwar il-proġett u l-kuntratt għall-utenti kollha ta’ Arachne
Fil-V2.0, meta entità tkun involuta fi proġett jew f’kuntratt għal pjan/programm li għalih ma jkollokx id-drittijiet meħtieġa, tintwera biss xi informazzjoni limitata fl-iskrin pop-up tal-indikaturi tar-riskju ta’ konċentrazzjoni għal dawk il-proġetti/kuntratti, b’limitazzjoni ta’ 30 entrata.
Fil-V2.3, tista’ tara xi informazzjoni għal kwalunkwe proġett/kuntratt li għalih ma jkollokx drittijiet ta’ aċċess, fuq ir-rapporti u l-listi kollha. L-informazzjoni hija limitata għal kampijiet bażiċi tad-*data* bħall-ID, l-isem, l-istatus, il-kost u d-*data* tal-bidu u tat-tmiem.
- Objettiv tematiku
L-objettiv tematiku għall-proġetti issa huwa disponibbli fid-dashboards, fir-rapporti, fil-listi u fil-filtri.
- Informazzjoni ewlenija tal-esperti f’rapport dettaljat
Fit-taqsimha tal-*viċinat* tar-rapporti dettaljati tal-persuna, tiżdied it-tab ġdida “Kuntratti”, li turi l-involviment ta’ persuna bħala espert ewlieni f’dawk il-kuntratti.
- Listi ta’ favoriti
Għażla ġdida, li hija disponibbli fid-dashboards u t-tiftix għal proġetti/kuntratti/kumpaniji/persuni, tippermettitek tagħmel użu mill-favoriti magħżula tiegħek sabiex turi biss l-entrati miżjuda fil-lista ta’ favoriti. Barra minn hekk, il-favoriti jntwerew b’kulur ta’ sfond differenti.
- Indikatur tar-riskju aggregat: wiri tad-dettalji fit-tieqa pop-up addizzjonali
L-indikaturi fil-livell tal-benefiċjarju u tal-kuntrattur huma aggregati, li jfisser li l-valuri tagħhom jirrappreżentaw il-medja għall-proġetti/kuntratti kollha li fihom tkun involuta l-entità. Fil-V2.0 ma kien hemm l-ebda dettall disponibbli għal dawn l-indikaturi tar-riskju aggregati. Fil-V2.3 tista’ ssib, billi tikklikkja bil-lemin fuq il-valur aggregat tal-indikatur tar-riskju, il-proġetti kollha li tqiesu għall-kalkolu, inklużi l-valuri tal-indikaturi għal dawn il-proġetti.

6 Ġestjoni tal-Utenti

- Id-drittijiet tal-amministratur jistgħu jiġu definiti għal kull pjan/programm. Qabel, id-drittijiet tal-amministratur kienu jingħataw għall-pjanijiet/programmi kollha li l-amministratur kellu aċċess għalihom, jew għall-ebda wieħed mill-pjanijiet/programmi.
- Fl-interfaċċa ta’ Arachne tiżdied link għall-Modulu tal-Ġestjoni tal-Utenti. Din il-link hija viżibbli biss għall-amministraturi.
- Issa huwa possibbli li utent jiġi klonat anki meta dan l-utent ikun konness ma’ Arachne.
- Jiżdied attribut ġdid Tip ta’ Dipartiment għall-utenti. Għal kull utent, l-amministratur jista’ jispeċifika jekk l-utent ikunx mill-MA, PA, AA, CA, IB, jew Oħrajn. Dan l-attribut jista’ jintuża għall-filtrazzjoni (ara l-punt li jmiss).
- Il-lista tas-sessjonijiet u l-lista tal-utenti huma magħmulin uniformi u t-tnejn li huma joffru aktar għażliet ta’ filtrazzjoni.

Jekk jogħġbok irreferi għall-Manwal għall-Modulu tal-Ġestjoni tal-Utenti ta’ Arachne għal iktar dettalji.